SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 10/K9/20

Data tal-laqgħa: 23 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli - Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

09.1.01 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli tablet li tiġi skużata għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġu skużati.

09.1.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fil-5.30p.m.

**09.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

09.2.01 Tqajjem il-punt dwar 8.02.10, fejn il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula talab li ssir l-korrezzjoni li l-attivita' tal-bambin ma saritx minħabba li ma kienx hemm ftehim.

09.2.02 Tqajjem il-punt dwar 8.04.01 fejn il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar il-bridge tal-Knisja li l-ħadid kien inżebagħ abjad flok iswed u li l-wiċċ tal-bridge ma kienx sar sura ta' nies u li t-travi minn taħt ma ġewx miżbugħa. Huwa kien ta il-parir biex niktbu lill-Infrastucture Malta għal dawn in-nuqqasijiet.

09.2.03 Il-Kunsillier Sean Gauci wasal fis-6.30p.m.

09.2.04 Il-Kunsillier John Agius qal li huwa waqt il-laqgħa preċidenti semma' biex titneħħa sinjali li kienu jindikaw zebra crossing fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu' li issa m'għadhomx tajbin.

09.2.05 Wara l-korrezzjoni, il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 08/K9/19.

09.2.06 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 08/K9/19.

09.2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

09.2.08 Tqajjem il-punt dwar 08.7.18.01, il-Kunsillier Guido Dalli talab jekk intbagħtitx l-ittra lin-Neptunes Waterpolo, is-Segretarju nfurmah li l-ittra kienet għadha ser tintbagħat.

**09.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

09.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-membri li l-MTA kienet ser tibdel il-bankijiet tal-Balluta u l-bankijiet eżistenti jkunu jistgħu jitwaħħlu f'partijiet tal-

lokalita' tagħna. Il-Kunsillier John Agius indika l-Pjazza ta' Spinola fejn jistgħu jeħlu wħud minn dawn il-bankijiet.

09.3.02 Iċ-Ċermen informa li rċievejna korrispondenza mingħand l-Awtorita' ta' l-Artijiet li l-kirja tal-Kumpless Dun Anton Sciberras kien ser jibda jingħata għall-perjodu ta' ħmistax il-sena minflok ta' tlett snin. Dan kien iffiser li issa nistgħu nipproċedu bil-proġett tagħna sabiex nirrinġaw dan il-Kumpless.

09.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ma kienx hemm progress fuq il-bini ta' l-ATM ta' Ta' Ġiorni. Huwa ppropona li jingħata terminu għat-talba tagħna u jekk ma jkollniex risposta inwaqqaw il-proġett, ma kienx hemm qbil fuq din il-proposta, u għalhekk il-Kunsill ser jibqa' jistenna għar-risposta min-naħa tal-Awtorita' ta' l-Artijiet.

09.3.04 Iċ-Ċermen ippropona u kien hemm qbil li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Ta' Ġiorni dwar is-servizz tal-minibus.

09.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hu kien iltaqa' ma' xi residenti fi Triq San Mark u Triq San Mikiel dwar it-tibdil tas-sistema tat-traffik. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li nitolbu lit-Transport Malta biex ibbidel id-direzzjoni.

09.3.06 Għandha tintbagħat ittra ta' reminder lill-Fredrick Azzopardi dwar Pjazza Qalb ta' Ġesu' sabiex isir id-dawl madwar il-Monument tal-Qalb ta' Ġesu, dwar il-monument li jfakkar it-twaqqif tal-Kunsill. Il-Kunsillier Guido Dalli qal li huwa ma jaqbilx li għandna nindaħlu fuq il-proġett ta' Infrastructure Malta għaliex dan il-proġett sar biex ifixkel il-proġett tagħna. Kien hemm qbil li tintbagħat l-ittra. Skond il-Kunsillier Martin Sultana, l-Kunsill huwa responsabbli għal-manutenzjoni ta' din il-pjazza.

09.3.07 Iċ-Ċermen tkellem dwar l-attivitajiet li saru għal-Milied flimkien ma' l-għaqdiet tal-lokal u kien hemm qbil li għal din is-sena ikun hemm caping ta' €1,500 ma' kull għaqda għall-attivitajiet li nistgħu ntellgħu flimkien.

09.3.08 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li rċievejna l-allokazzjoni għas-sena 2020. Iċ-Ċermen qal li konna ingħatajna €20,000 bħala żona turistika u kellna niċċaraw mad-Dipartiment jekk dawn jistgħux jintużaw għal-ġbir ta' l-iskart.

**09.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

09.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**09.5 Culling tal-ħamiem.**

09.5.01 Wara li konna idduskutejna flimkien mal-Kunsill Lokali Gzira u ma l-Animal Welfare, kien hemm qbil li jibda eżerċizzju ta' culling tal-ħamiem f'ċerti żoni. Kien hemm qbil unanimu.

**09.6 Talbiet żgħar;**

**09.6.01 Email dwar talba għall-opinjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Direttiva 5/2019 (Inc. 8433/19);**

09.6.01.01 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li huwa kien irrisponda għal din id-Direttiva fejn wera' li l-Kunsill ma kienx favur din id-direttiva iżda li l-Kunsill jippreferixi Ii l-kuntratt jibqa' taħt il-kontroll tal-Kunsill u mhux tar-Reġjun dan mingħajr ma kellna l-iċken dubbju għall-kapaċita' tar-Reġjun.

**09.6.02 Email dwar iBins Ta' Ġiorni (Inc. 8584/19);**

09.6.02.01 Il-Kunsill irċieva email dwar it-tneħħija ta' l-iBins. Kien hemm qbil li ninfurmaw li dawn l-iBins tneħħew għaliex kienu eyesore u s-separazzjoni ta' l-iskart qed issir at source u jinġabar mid-djar tar-residenti.

**09.6.03 Email mingħand il-Kunsilliera Patricia Camilleri dwar Immaniġjar ta' traffiku fi Triq il-Ballut.**

09.6.03.01 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li jsir it-tibdil fi Triq il-Ballut u ser tintbagħat it-talba lit-Transport Malta.

**09.6.04 Ittra mingħand l-Avukat Karl Briffa għan-nom tal-Cavallieri Hotel dwar żvilupp li jixtiequ jagħmlu fil-foreshore ta' ħdejn il-Lukanda (Inc. 8839/19)**

09.6.04.01 Is-Segretarju kien kiteb lill-Avukat tal-Kunsill fejn talbu parir jekk għaniex nirrispondu għall-din l-ittra minħabba li kien hemm issue pendenti fuq żvillupp li kien sar fl-istess inħawi.

**09.6.05 Ittra dwar tables and chairs – Partanopea – Triq Paceville (Inc. 8923/19)**

09.6.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li din konna diġa oġġezzjonajna fuqha.

**09.6.06 Ittra dwar tables and chairs fi Triq San Ġorġ. (Inc.8848/19);**

09.6.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nissotomettu l-oġġezzjoni tagħna.

**09.6.07 Ittra dwar tables and chairs fi Triq Dragonara c/w Triq Paceville (Inc. 8922/19)**

09.6.07.01 Wara diskussjoni qasira ġide deċiż li nissotomettu l-oġġezzjoni tagħna.

**09.6.08 Korrispondenza mingħand il-GoTo dwar laqgħa mal-Kunsill.**

09.6.08.01 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Goto sabiex issir laqgħa magħhom. Filwaqt li kien qbil li niltaqgħu magħhom, il-Kunsill ma kienx favur li jkun hemm żieda fil-parkeġġ għall-karozzi ta' Goto.

**09.6.09 Email dwar bankina fi Triq il-Kbira (Inc. 8931-19);**

09.6.09.01 Saret riferenza għall-email sabiex issir bankina fi Triq il-Kbira, il-Kunsill ser ikun qiegħed jieħu l-parir mit-Transport Malta.

**09.6.10 Korrispondenza mingħand l-ECAD dwar Ecad membership (Inc. 8916/19)**

09.6.10.01 Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu li din ma titħallasx.

**09.6.11 Email dwar Anti Bullying campaign (Inc. 8814/19);**

09.6.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

**09.6.12 Korrispondenza dwar l-isem tat-triq Triq Patrick Brydone (Inc. 8869/19);**

09.6.12.01 Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil dwar il-punti msemmija fl-ittra inkluż li l-isem tat-taraġ jissemma għall Charles Sciberras.

**09.6.13 Korrispondenza mas-Sur Leonard Mc Kay dwar is-soft areas f' Ta' Ġiorni**

09.6.13.01 Kien hemm qbil li s-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Adrian Domenic Ellul u l-Kunsillier Martin John Sultana jiltaqgħu biex jagħmlu pjanti ta' soft areas u ta' fejn hemm bżonn intervent.

**09.6.14 Talba mill-Banda San Ġiljan sabiex tittela' attivita' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill (Inc. 8608/19)**

09.6.14.01 Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

**09.6.15 Ittra mingħand EASME dwar Sustainable Energy Instement Forums (Inc. 8659/19);**

09.6.15.01 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill mhux ser japplika għaliha.

**09.6.16 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar iBins (Inc. 8387/19);**

09.6.16.01 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma jaqbilx li għandhom jiżdiedu l-bins fil-lokalita'.

**09.6.17 Ittra mingħand is-Segretarjat tar-Riformi dwar achivers (Inc. 8694/19);**

09.6.17.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jinonima lill-iscouts ta' San Ġiljan.

**09.7 Skeda tal-Pagamenti;**

09.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A)

09.7.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

09.7.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

09.7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**09.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

09.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4924 sa 4961 (Ara Appendiċi 'B')

09.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**09.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

09.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2020

09.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**IFFIRMATI,**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 23 ta' Jannar 2020